**26 ta' Marzu, 1990**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

L-Avukat Dottor Graham Busuttil *noe*

*versus*

Alfred Vella *noe*

**Ġurisdizzjoni – Klawsola Arbitrali**

*Kawża għal likwidazzjoni u ħlas ta' danni. Ġiet eċċepita l-klawsola Arbitrali.*

*Il-Qorti affermat il-validità ta' bejn il-kontendenti tal-klawsola arbitrali, iddeklinat li teżerċita ġurisdizzjoni u lliberat il-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju.*

Il-Qorti: – Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi l-konvenut *nomine* kien talab u ottjena pariri esperti minn *technicians* kwalifikati fuq il-kostruzzjoni u solveljanzxa ta' l-istallazzjoni tal-Pompi BPK 42 u BPK 35 ARD fuq is-*site* li jinstab *Hadba el Kadra* ġol-Libya għal diversi perijodi;

Peress illi s-soċjetà attriċi kienet ipprovdiet l-istess esperti a benefiċċju tal-konvenut *nomine* li l-istess konvenut kien iddikjara ruħu sodisfatt bl-operat tagħhom;

Peress illi l-ispejjeż u l-pagi ta' l-istess esperti ġew sopportati mis-soċjetà attriċi;

Peress illi l-konvenut *nomine* għalkemm interpellat biex iħallas permezz ta' ittra bonarja tat-3 ta' Novembru 1987 u t-3 ta' Marzu 1988 dana xorta baqa' inadempjenti; l-istess attur talab li din il-Qorti tiddikjara lill-konvenut *nomine* responsabbli għall-ħlass tas-servizzi lilu resi;

(b) Tillikwida d-danni u s-servizzi resi mill-attur *nomine* lill-konvenut *nomine* okkorendo ta' periti nominandi;

(ċ) Tikkundannah iħallas lill-attur *nomine* s-somma hekk likwidata;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa:

1. Fl-ewwel lok trid tiġi esebita l-prokura allegatament magħmula favur l-attur *nomine;*

2. In-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti in vista tal-klawsola arbitrali (*Article 10*) fil-kuntratt ta' bejn il-kontendenti li kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa Dok. A;

3. Bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni t-talba attriċi

hija preskritta a terminu ta' l-artikoli 2153 u 2147 tal-Kodiċi Ċivili;

4. Bla preġudizzju għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet u anke fil-każ li dawn jiġu miċħuda kwalunkwe ammont li seta' kien dovut mill-eċċipjent hu paċut ma' ammonti oħra dovuti mill-kumpanija attriċi lill-eċċipjent in linea ta' danni minħabba inadempiment kontrattwali da parti ta' l-istess kumpanija attriċi u għalhekk it-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li ma hu dovut ebda ammont lill-attur *nomine*;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis;*

Illi l-konvenut qiegħed jeċċepixxi bit-tieni eċċezzjoni li din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni in vista tal-klawsola arbitrali kontenuta fl-artikolu 10 tal-konvenut dok.A;

Dana l-artikolu hu redatt b'dan il-mod:

*"Any dispute or difference arising out in connection with this contract and which could not be settled amicably between the parties will be settled under the rules of conciliation and arbitration of the International Chamber of Commerce by three arbitrators appointed in accordance with the said rules;*

*The seat of the Court of Arbitration shall be Rome (Italy)";*

Illi ma hemm l-ebda dubju illi klawsoli arbitrali simili huma validi u dan il-konċett ġie ripetutament affermat fil-ġurisprudenca

tagħna. Għalhekk il-ftehim milħuq bejn il-kontendenti u kontenut fl-isemmi artikolu jorbot il-kontendenti. Konsegwentement l-attur kien obbligat li meta nqalgħet il-kwistjoni li hija meritu ta' din il-kawża huwa jagħti effett lill-imsemmi artikolu 10 u jintavola l-proċeduri neċessarji quddiem il-Qorti ta' arbitraġġ ta' Ruma. L-argument ta' l-attur li huwa ma għamilx hekk għaliex Ruma hijiex il-Qorti ta' ħadd mill-partijiet u inoltre l-konvenut ma uriehx id-disponabilità tiegħu li jonora l-imsemmija klawsola arbitrali ma huwiex argument validu għaliex skond l-artikolu 992 tal-Kodiċi Ċivili l-kuntratti magħmula skond il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom u l-istess kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi. Illi fil-każ odjern ma nġabet ebda prova li l-konvenut ma riedx jonora l-imsemmi artikolu 10;

Illi konsegwentement ma ġiet murija ebda raġuni valida għaliex din il-Qorti m'għandhiex tagħti effett lill-imsemmija klawsola arbitrali volontarjament miftehma bejn il-kontendenti;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut *nomine* u għalhekk tiddikjara li m'għandhiex ġurisdizzjoni in vista ta' l-imsemmija klawsola arbitrali kontenuta fl-artikolu 10 tal-ftehim bejn il-kontendenti tal-5 ta' Jannar 1983 u konsegwentement tillibera lill-konvenut *nomine* mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kollha kontra l-attur *nomine*.